Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9841/16

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0269 (COD)**

GENVAL 66
JAI 527
MI 421
COMPET 355
COMIX 425
CODEC 816

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (L-ewwel qari)<br>= Approċċ ġenerali |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi tat-18 ta' Novembru 2015. Fl-2015 saru żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluża l-Evalwazzjoni (GENVAL). Wara t-tlestija tal-ewwel sensiela ta' diskussjonijiet dwar il-proposta f'Jannar 2016, il-Presidenza ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma GENVAL test rivedut tal-proposta, b'kont meħud kemm jista' jkun tat-tħassib differenti li qajmu d-delegazzjonijiet. Il-Grupp ta' Ħidma GENVAL iddiskuta t-test rivedut fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Frar 2016.

2. Bil-ħsieb li tinkiseb gwida politika dwar ċerti aspetti tal-proposta, il-Presidenza kienet stiednet lill-Ministri biex jiddiskutu ħames kwistjonijiet ewlenin fil-laqgħa tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2016.

3. Wara l-attakki terroristiċi fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2016, il-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fil-laqgħa tagħhom fl-24 ta' Marzu 2016, esprimew il-bżonn li tiġi segwita b'mod riżolut it-tlestija rapida tal-leġislazzjoni dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar.

4. Fil-25 ta' April 2016 il-Grupp ta' Ħidma GENVAL reġa' ddiskuta l-proposta fil-11 u l-25 ta' April 2016 b'enfasi fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu l-projbizzjoni ta' ċerti armi tan-nar (Kategorija A, Anness I) u derogi possibbli minn dik il-projbizzjoni. Sabiex tingħata gwida ulterjuri dwar il-proposta, il-COREPER kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet ewlenin fil-laqgħa tiegħu fil-11 ta' Mejju 2016.

5. Fuq il-bażi tal-eżitu ta' dik id-diskussjoni, il-Presidenza rrevediet it-test, li ġie diskuss mill-Kunsillieri ĠAI fit-13 ta' Mejju 2016. Ġiet ippreżentata proposta riveduta oħra lill-Grupp ta' Ħidma GENVAL fid-19 ta' Mejju 2016. Saru aktar diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fil-25 ta' Mejju 2016.

6. Wara d-diskussjonijiet fil-COREPER fl-1 ta' Ġunju 2016, il-Presidenza emendat il-proposta ta' kompromess sabiex tindirizza sa fejn possibbli t-tħassib li ntwera. Saru aktar bidliet wara l-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fit-3 ta' Ġunju 2016.

7. It-test li rriżulta ġie diskuss mill-COREPER fit-8 ta' Ġunju 2016 u ngħata appoġġ qawwi fost id-delegazzjonijiet. Il-bidliet u t-tħassir meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni huma ssottolinjati jew immarkati bi (...), rispettivament.

*8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill mistieden juri l-appoġġ tiegħu għal approċċ ġenerali għall-emendi fid-Direttiva attwali dwar l-Armi tan-Nar li jinsabu fl-anness ta' din in-nota.*

**ANNESS**

Proposta[1] [2] għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE[3] stabbiliet miżura ta' akkumpanjament għas-suq intern. Ħolqot bilanċ bejn, minn naħa waħda, l-impenn li tiġi żgurata ċerta libertà ta' moviment għal xi armi tan-nar u komponenti essenzjali tagħhom fl-Unjoni, u min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li dik il-libertà tiġi kkontrollata b'garanziji ta' sigurtà, adatti għal dan it-tip ta' prodotti inkwistjoni.

[1] Bil-parteċipazzjoni tal-pajjiżi assoċjati.
[2] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.
[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

(2) B'reazzjoni għall-atti terroristiċi li seħħew dan l-aħħar li wrew lakuni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/477/KEE speċjalment fir-rigward tad-diżattivazzjoni tal-armi u fir-regoli dwar il-konvertibbiltà u l-immarkar, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà adottata f'April 2015 u d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-Affarijiet Interni tad-29 ta' Awwissu 2015 sejħu għar-reviżjoni ta' din id-Direttiva u għal approċċ komuni dwar id-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar bħala prevenzjoni kontra l-attivazzjoni mill-ġdid u l-użu tagħhom mill-kriminali.

(2a) Ladarba l-armi tan-nar jiġu akkwistati u jinżammu fil-pussess b'mod legali f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ġarr tal-armi, il-kaċċa jew l-isparar fuq bersall.

(3) (…)

(4) (…)

(5) Sabiex jiġi evitat li l-kollezzjonisti jsiru (…) sors possibbli għat-traffikar tal-armi tan-nar, huma għandhom jiġu koperti minn din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lil kollezzjonisti biex jakkwistaw u jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar, komponenti essenzjali tagħhom u munizzjon konformement ma' din id-Direttiva. Barra minn hekk, f'każijiet individwali speċjali u soġġetti għal kundizzjonijiet stretti dwar is-sigurtà, l-Istati Membri jistgħu, soġġetti għal rieżami perjodiku, jawtorizzaw lill-kolletturi jakkwistaw u jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar ipprojbiti.

(6) Peress li s-sensara jipprovdu servizzi simili għal dawk tan-negozjanti, dawn ukoll għandhom ikunu koperti minn din id-Direttiva.

(7) Minħabba r-riskju għoli li jiġu attivati mill-ġdid l-armi diżattivati b'mod mhux kif suppost u biex tiżdied is-sigurtà fl-Unjoni kollha, l-armi tan-nar diżattivati għandhom ikunu koperti b'din id-Direttiva. Barra minn hekk, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar kif previst bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2014[4], li tittrasponi fil-qafas legali tal-UE l-"Protokoll kontra l-Iffabbrikar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom (UNFP)", għandha tingħata definizzjoni ta' diżattivazzjoni f'konformità mal-prinċipji msemmija hawn fuq.

(7a) Barra minn hekk, għall-armi l-aktar perikolużi għandhom jiġu introdotti regoli aktar stretti sabiex jiżguraw li dawk l-armi tan-nar,b'xi eċċezzjonijiet limitati għar-regola, ma jkunux propjetà ta' xi ħadd u lanqas ma jiġu kkumerċjalizzati. (…) Jekk dawk ir-regoli ma jiġux rispettati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa li jinkludu anke l-qbid ta' dawk l-armi tan-nar.

4 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll kontra l-Iffabbrikar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali; ĠU L 89, 25.03.2014, p. 7

(7b) Madankollu, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jawtorizzaw l-akkwist u l-pussess ta' armi pprojbiti fejn meħtieġ għal finijiet edukattivi, kulturali, inklużi ċ-ċinema u t-teatru, ta' riċerka jew storiċi. L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu permessi li jawtorizzaw lil individwi għall-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom li kieku jkunu projbiti għad-difiża nazzjonali, bħal fil-kuntest ta' taħriġ militari volontarju previst taħt il-liġi ta' Stat Membru.

(7c) Din id-Direttiva m'għandhiex twaqqaf lin-negozjanti u s-sensara milli jimmaniġġaw armi tan-nar ipprojbiti f'konformità ma' din id-Direttiva f'każijiet fejn l-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar bħal dawn jiġi permess eċċezzjonalment, fejn l-immaniġġar tagħhom ikun meħtieġ għall-finijiet ta' diżattivazzjoni jew konverżjoni jew meta permess f'każijiet previsti minn din id-Direttiva. Id-Direttiva lanqas m'għandha żżomm lin-negozjanti u s-sensara milli jimmaniġġaw tali armi tan-nar f'każijiet mhux koperti minn din id-Direttiva, bħal armi tan-nar li għandhom jiġu esportati barra mill-Unjoni Ewropea jew armi li ser jiġu akkwistati mill-forzi armati jew mill-pulizija.

(8) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabilità ta' (…) kull arma tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom koperti minn din id-Direttiva, għandhom jiġu reġistrati f'reġistri nazzjonali.

(9) Xi armi tan-nar semiawtomatiċi jistgħu jiġu kkonvertiti faċilment f'armi tan-nar awtomatiċi, u għalhekk huma ta' theddida għas-sigurtà. Anke fin-nuqqas ta' bidla bħal din (…) ċerti armi tan-nar semiawtomatiċi jistgħu jkunu perikolużi ħafna meta l-kapaċità tagħhom li jiċċarġjaw ruħhom tkun għolja ħafna. Għalhekk, armi tan-nar semiawtomatiċi b'apparat tal-ikkargar fiss li jippermetti li jiġu sparati għadd kbir ta' tiri, kif ukoll arma tan-nar semiawtomatika flimkien ma' apparat tal-ikkargar li jinqala' b'għadd kbir ta' tiri għandhom jiġu pprojbiti għal użu ċivili. Tali apparati tal-ikkargar, bħal skrataċ fissi jew li jinqalgħu, kif ukoll ċinturini li jservu bħala munizzjon addizzjonali, għandhom jiġu pprojbiti wkoll. Meta individwi jinstabu fil-pussess ta' apparati tal-ikkargar bħal dawn, dan l-apparat għandu jiġu sekwestrat, kif ukoll kwalunkwe arma tan-nar semiawtomatika centre fire li jista' jeħel magħha dan l-apparat, anki jekk il-pussess ta' dawn l-armi tan-nar kien awtorizzat. Dawn l-individwi għandhom jiġu mċaħħda wkoll mill-awtorizzazzjoni tagħhom.

(10) Biex l-immarkar ma jkunx jista' jitħassar faċilment u biex jiġi ċċarat fuq liema komponenti għandu jsir l-immarkar, għandhom jiġu introdotti regoli tal-Unjoni komuni. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw biss għall-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali li jitqiegħdu fis-suq mid-data li fiha l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ewlenin ta' din id-Direttiva.

(11) L-armi tan-nar jistgħu jintużaw għal ħafna aktar minn 20 sena. Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom, ir-rekords tagħhom kif ukoll tal-komponenti essenzjali tagħhom għandhom jinżammu mill-awtoritajiet kompetenti għal perijodu ta' [20] snin wara li jinqerdu. L-aċċess għal dawn ir-rekords u d-data personali kollha relatata għandha tkun ristretta għal awtoritajiet kompetenti u tkun permessa biss sa għaxar snin wara l-qerda tal-arma tan-nar ikkonċernata għall-finijiet tal-għoti jew l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet, inkluż il-possibbiltà ta' impożizzjonijiet ta' pieni amministrattivi, u sa għoxrin sena wara l-qerda fejn meħtieġ għall-infurzar tad-dritt kriminali.

(12) L-arranġamenti tal-bejgħ għall-armi tan-nar u tal-komponenti essenzjali tagħhom b'komunikazzjoni mill-bogħod jistgħu jkunu ta' theddida serja għas-sigurtà peress li huma aktar diffiċli biex jiġu kkontrollati mill-metodi ta' bejgħ konvenzjonali, speċjalment biex issir verifika onlajn tal-awtentiċità tal-awtorizzazzjonijiet. Għaldaqstant huwa xieraq li jissaħħu d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-bejgħ (…) permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, b'mod partikolari tal-internet (…).

(13) Barra minn hekk, ir-riskju li l-armi akustiċi u tipi oħra ta' armi tal-isparar in bjank jiġu konvertiti f'armi tan-nar proprja huwa għoli, tant li f'xi atti terroristiċi reċenti ntużaw armi konvertiti bħal dawn. Għaldaqstant huwa essenzjali li tiġi indirizzata l-problema tal-armi tan-nar konvertiti li jintużaw f'reati kriminali, partikolarment billi dawn jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Għandhom jiġu adottati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi tal-allarm u tas-sinjal (…) biex jiġi żgurat li dawn ma jiġux konvertiti f'armi tan-nar.

(13a) L-oġġetti, li għandhom dehra fiżika ta' arma tan-nar ("replika"), iżda li jiġu manifatturati b'tali mod li ma jistgħux jinbidlu biex jisparaw tir jew jimbuttaw tiri jew projettili bl-azzjoni ta' propellant kombustibbli, mhumiex koperti minn din id-Direttiva.

(13b) Armi tan-nar u munizzjon għandhom jinħażnu b'mod sikur meta ma jkunux immedjatament taħt superviżjoni. Għajr jekk maħżuna b'mod sikur, armi tan-nar u munizzjon għandhom jinħażnu separatament minn xulxin. Il-kriterji għal (…) ħażna għandhom ikunu definiti skont ir-regoli nazzjonali.

(14) Sabiex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-elementi neċessarji għall-implimentazzjoni ta' sistema li tappoġġa dan l-iskambju tal-informazzjoni miżmuma fl-arkivji kompjuterizzati tar-rekords eżistenti fl-Istati Membri. Jekk ikun il-każ, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi akkumpanjata bi proposta leġislattiva li tqis l-istrumenti eżistenti relatati mal-iskambju ta' informazzjoni.

(15) Sabiex jiġi żgurat l-iskambju xieraq ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija u rrifjutati, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' att li jippermetti lill-Istati Membri joħolqu din is-sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija u rrifjutati. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.[5] B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom għandu jkollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat ta' gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(16) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom jingħataw is-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

(17) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(17a) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data għandu japplika għall-ipproċessar ta’ data personali fil-qafas ta’ din id-Direttiva. Fejn id-data personali miġbura b’riżultat ta’ din id-Direttiva tiġi ppročessata għall-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, l-awtoritajiet li jipproċessaw dik id-data għandhom jikkonformaw mar-regoli adottati b’riżultat tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data .

---

5 Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. ĠU L 123, 12 ta' Mejju 2016, p. 1

6 Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(18) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(19) Għalhekk, id-Direttiva 91/477/KEE għandha tiġi emendata skont dan.

(20) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Direttiva u d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE jikkostitwixxu żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu taħt l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE.

(21) (…)

(22) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Direttiva u d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE jikkostitwixxu żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu taħt l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE.

(23) (…)

(24) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Direttiva u d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE jikkostitwixxu żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-adeżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 91/477/KEE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1a għandu jitħassar.

(aa) Il-paragrafu 1b jinbidel b'dan li ġej:

"1b. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "komponent essenzjali" jfisser (…) il-kanna, (…), il-qafas, ir-riċevitur, inkluż ir-riċevituri ta' fuq kif ukoll ta' taħt, fejn xieraq, is-slajd, (…) iċ-ċilindru, il-firroll jew il-blokka tal-kulatta (…) li, billi huma oġġetti separati, huma inklużi fil-kategorija tal-armi tan-nar li jiġu mmuntati fuqhom jew huma maħsuba li jiġu mmuntati fuqhom.

(b) Il-paragrafu 1e jinbidel b'dan li ġej:

"1e. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "sensar" ifisser kull persuna fiżika jew ġuridika (…), jew sħubija residenti jew stabbilita fi Stat Membru (…) liema (...) servizzi (...) jikkonsistu b'mod sħiħ jew parzjalment fi (…)

(a) in-negozjar jew l-arranġament ta' transazzjonijiet għal (…) ix-xiri, il-bejgħ jew il-provvista ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali tagħhom jew munizzjon, jew

(b) l-arranġament tat-trasferiment tagħhom fi Stat Membru, minn Stat Membru għal ieħor, minn Stat Membru għal pajjiż terz jew minn pajjiż terz għal Stat Membru (…)."

(c) Fl-Artikolu 1 għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"1f. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "armi tal-allarm u tas-sinjal" ifisser (…) l-apparat b'ħowlder tal-iskrataċ (…) li hu mfassal biss biex jispara in bjank, sustanzi irritanti jew sustanzi attivi oħra jew munizzjon pirotekniku għas-sinjalar. (…)

1g. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "armi akustiċi u tas-salut" ifisser l-armi tan-nar ikkonvertiti speċifikament biex jintużaw biss għall-isparar in bjank, f'attivitajiet bħal spettakli teatrali, sessjonijiet fotografiċi, reġistrazzjonijiet ċinematografiċi u dawk televiżivi, rappreżentazzjoni teatrali ta' avvenimenti storiċi, parati, avvenimenti sportivi u taħriġ. (…)

1h. (…);

1i. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "armi tan-nar diżattivati" jfisser armi tan-nar li ġew diżattivati b'mod li l-komponenti essenzjali kollha tal-arma tan-nar ikunu saru għal kollox mhux utilizzabbli u li ma jkunux jistgħu jiġu maqlugħa, sostitwiti jew modifikati b'mod li jippermetti li l-arma tan-nar tiġi riattivata b'kwalunkwe mod (…) f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2403 (…)[7]"

1j. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "mużew" ifisser istituzzjoni permanenti fis-servizz tas-soċjetà u l-iżvilupp tagħha, miftuħa għall-pubbliku, li takkwista, tikkonserva, tirriċerka armi tan-nar esibiti, komponenti essenzjali tagħhom u munizzjon għall-finijiet ta' edukazzjoni, studju u tgawdija;

1k. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "kollettur" ifisser kull persuna ġuridika jew fiżika ddedikata għall-ġbir u l-konservazzjoni ta' armi tan-nar (...), u li hija rikonoxxuta bħala tali minn Stat Membru.

(cc) Il-paragrafu 2b jinbidel b'dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "traffikar illegali" (…) ifisser l-akkwist, il-bejgħ, il-kunsinna, il-moviment (…) jew it-trasferiment tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom jew il-munizzjon minn jew b'passaġġ mit-territorju ta' Stat Membru wieħed lejn dak ta' Stat Membru ieħor, jekk wieħed miż-żewġ Stati Membri kkonċernati ma jawtorizzax li dan isir f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew jekk l-armi tan-nar immuntati ma jkunux immarkati f'konformità mal-Artikolu 4(1).

7 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2403 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi linji gwida komuni dwar l-istandards u t-tekniki tad-diżattivazzjoni sabiex ikun żgurat li l-armi tan-nar diżattivati jiġu inoperabbli irreversibbilment, ĠU L 333/62, 19.12.2015.

(c) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "negozjant" ifisser kull persuna fiżika jew ġuridika li l-kummerċ jew in-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm jew parti minn waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-manifattura, il-kummerċ, il-bdil, il-kiri, it-tiswija jew il-konverżjoni ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali (…) ta' armi tan-nar; jew

(ii) il-manifattura, il-kummerċ, il-bdil (…) jew il-konverżjoni ta' munizzjon."

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ġarr ta' armi, il-kaċċa jew l-isparar fuq bersall, bl-użu ta' armi akkwistati u fil-pussess b'mod legali f'konformità mad-Direttiva.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija u mill-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas ma għandha tapplika għat-trasferimenti kummerċjali (…) kif irregolati mid-Direttiva 2009/43/KE[8] ."

[8] Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità, ĠU L 146/1, 10.6.2009.

(3) Fl-Artikolu 4, il-paragrafi 1, 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Fir-rigward tal-armi tan-nar manifatturati jew importati fl-Unjoni wara d-data msemmija fl-Artikolu 2.1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe arma tan-nar jew komponent essenzjali ta' arma tan-nar li tqiegħdet fis-suq tkun:

(i) mogħtija marka unika, li tkun ċara u permanenti, mingħajr dewmien wara l-manifattura jew l-importazzjoni fl-Unjoni u

(ii) (…) irreġistrata b'konformità ma' din id-Direttiva mingħajr dewmien wara l-manifattura jew l-importazzjoni fl-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-immarkar. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13b(2).

2. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' kull (…) arma tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħha, l-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien (…) wara l-manifattura (…) jew (…) l-importazzjoni fl-Unjoni (…), jirrikjedu marka unika li tkun tinkludi l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, id-ditta, il-mudell (…)in-numru tas-serje, u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. Fejn il-komponent essenzjali huwa żgħir wisq sabiex ikun prattikament immarkat b'din l-informazzjoni kollha, mill-inqas in-numru tas-serje għandu jkun immarkat fuqha.

Ir-rekwiżiti ta' mmarkar għal arma tan-nar li hija ta' importanza storika partikolari għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali.

(…)

(…)

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull pakkett elementari ta' munizzjon sħiħ ikun immarkat sabiex jipprovdi l-isem tal-manifattur, in-numru ta' identifikazzjoni tal-lott, il-kalibru u t-tip ta' munizzjon.

Għal dawk il-finijiet, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Marki tal-Prova fuq Armi Żgħar tal-1 ta' Lulju 1969.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, fil-ħin tat-trasferiment ta' arma tan-nar jew komponenti essenzjali ta' arma tan-nar mill-ħażniet governattivi għall-użu ċivili permanenti, l-immarkar uniku adatt li jippermetti lill-Istati jidentifikaw faċilment l-entità tat-trasferiment.

3. (…)

(4) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza tinbidel b' dan li ġej:

"Din is-sistema tal-fajling għandha żżomm rekord ta':

- it-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u n-numru tas-serje ta' kull arma tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom; u
- l-ismijiet u l-indirizzi tal-fornituri u tal-persuni li jakkwistaw jew li jkollhom fil-pussess tagħhom l-arma tan-nar jew il-komponenti essenzjali tagħha.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekord tal-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom, inkluża d-data personali relatata, jinżamm mill-awtoritajiet kompetenti għal perijodu ta' 20 sena wara l-qerda tal-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali.

Dawn ir-rekords u d-data personali relatata għandhom ikunu aċċessibbli:

- mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini li jingħataw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 jew għall-finijiet ta' taxxa jew ta' proċeduri doganali sa għaxar snin wara l-qerda tal-arma tan-nar jew tal-komponenti essenzjali , u

- mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali sa 20 snin wara l-qerda tal-arma tan-nar jew il-komponenti essenzjali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data personali titħassar hekk kif jiskadu l-perijodi speċifikati fil-paragrafu hawn fuq. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn data personali speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali u jintużaw f'dan il-kuntest speċifiku, f'liema każ iż-żamma ta' tali data mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru."

(b) it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Matul il-perijodu ta' attività tagħhom, in-negozjanti u s-sensara għandhom jintalbu jżommu reġistru li fih għandu jinżamm rekord ta' kull arma tan-nar u kull komponent essenzjali ta' arma tan-nar soġġetti għal din id-Direttiva li jaslu għandhom jew li ma jibqgħux għandhom, flimkien ma' dawk il-partikolaritajiet li permezz tagħhom tiġi identifikata u traċċata arma tan-nar jew il-komponenti essenzjali (…), b'mod partikolari t-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u n-numru tas-serje tagħhom u l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuna li tfornihom u li takkwistahom.

Meta jieqfu mill-attivitajiet tagħhom, in-negozjanti u s-sensara għandhom jagħtu dak ir-reġistru lill-awtorità nazzjonali responsabbli mis-sistema tal-fajling prevista fl-ewwel subparagrafu.

Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reġistri tan-negozjanti u tas-sensara stabbiliti fit-territorju tagħhom ikunu konnessi mas-sistema kompjuterizzata tal-fajling tad-data għall-armi tan-nar u (…) l-komponenti essenzjali (…)."

(4a) L-Artikolu 4a huwa emendat kif ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar minn persuni li jkunu ngħataw liċenzja jew, fir-rigward tal-kategorija C (…), li jkunu speċifikament awtorizzati li jakkwistaw u jkollhom pussess ta' tali armi tan-nar jagħmlu dan f'konformità mal-liġi nazzjonali.

(5) L-Artikolu 4b jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 4b*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema għar-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tas-sensara u tan-negozjanti. Din is-sistema għandha tinkludi mill-inqas il-miżuri li ġejjin:

   (a) ir-reġistrazzjoni tan-negozjanti u s-sensara li joperaw fit-territorju ta' kull Stat Membru; u

   (b) il-liċenzjar jew l-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet tan-negozjanti u s-sensara fit-territorju tagħhom.

2. Is-sistema msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tinkludi mill-inqas verifika tal-integrità privata u professjonali u tal-kapaċitajiet tan-negozjant jew tas-sensar. Fil-każ ta' persuna ġuridika, il-verifika għandha ssir fuq il-persuna ġuridika u fuq il-persuna li tkun qiegħda tmexxi l-impriża".

(6) L-Artikoli 5 u 6 jinbidlu b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

1 Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar biss minn persuni li għandhom raġuni tajba u li:

   (a) ikollhom mill-inqas 18-il sena, ħlief fil-każ tal-akkwist, għajr permezz tax-xiri, u l-pussess ta' armi tan-nar għal kaċċa u sparar fuq bersall, bil-kundizzjoni li f'dak il-każ persuni li jkollhom inqas minn 18-il sena jkollhom il-permess tal-ġenituri, jew ikunu taħt il-gwida tal-ġenituri jew il-gwida ta' adult li jkollu liċenzja valida tal-armi tan-nar jew tal-kaċċa jew ikunu f'ċentru ta' taħriġ liċenzjat jew approvat xort'oħra;

(b) aktarx ma jkunux ta' periklu għalihom infushom, għall-ordni pubblika jew għas-sikurezza pubblika; jekk persuna tkun instabet ħatja ta' reat vjolenti intenzjonat, dan għandu jitqies bħala indikattiv ta' periklu bħal dan.

(c) (…)

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-ħruġ jew it-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 soġġetti għal (…) rieżami mediku, inkluż rieżami psikoloġiku.

L-Istati Membri għandhom jirrevokaw (…) l-awtorizzazzjoni għall-pussess ta' arma tan-nar (…) jekk kwalunkwe kundizzjoni li fuq il-bażi tagħha tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni ma tibqax issodisfata.

L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu lill-persuni residenti fit-territorju tagħhom milli jkollhom pussess ta' arma tan-nar mixtrija fi Stat Membru ieħor sakemm l-akkwist tal-istess tip ta' arma tan-nar ma jkunx ipprojbit fit-territorju tagħhom stess.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtorizzazzjoni ta' akkwist u awtorizzazzjoni ta' pussess ta' arma tan-nar ikklassifikata fil-kategorija A jew B tal-Anness I għandha tiġi rtirata jekk il-persuna li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni tinsab fil-pussess illegali ta' apparat tal-ikkargar ikklassifikat fil-Kategorija A 9 tal-Anness I.

*Artikolu 6*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(2), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa biex jipprojbixxu l-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom u l-munizzjon elenkati fil-kategorija A fl-Anness I. Huma għandhom jiżguraw li (…) dawk l-armi tan-nar, il-komponenti u l-munizzjon essenzjali miżmuma illegalment bi ksur ta' dik il-projbizzjoni jiġu ssekwestrati.

2. Għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u t-trasport marittimu kummerċjali u konvojs ta' valur għoli, u finijiet ta' difiża nazzjonali, edukattivi, kulturali, ta' riċerka u storiċi u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet f'każijiet speċjali individwali għal dawn l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon fejn dan ma jmurx kontra s-sigurtà pubblika jew l-ordni pubbliku.

3. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lin-negozjanti jew lis-sensara, fil-kapaċitajiet professjonali rispettivi tagħhom, [kif iddefiniti f'din id-Direttiva] biex jakkwistaw, jimmanifatturaw, jiddiżattivaw, isewwu, ifornu, jittrasferixxu u jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar, il-komponenti essenzjali tagħhom u munizzjon mill-kategorija A soġġett għal kundizzjonijiet stretti dwar is-sigurtà.

3a. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lil mużewijiet biex jakkwistaw u jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar, komponenti essenzjali tagħhom u munizzjon mill-kategorija A u B soġġett għal kundizzjonijiet stretti dwar is-sigurtà.

3b. (...)

3c. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lil tiraturi fuq bersall jakkwistaw u jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar semiawtomatiċi u apparati tal-ikkargar ikklassifikati fil-kategoriji A.6, A.7 u A.9 tal-Anness I, soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) valutazzjoni medika u psikoloġika komprensiva sodisfaċenti tal-affidabbiltà tat-tiratur fuq bersall u konformement mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1(b));

b) għoti ta' provi li t-tiratur fuq bersall qiegħed jieħu sehem f'kompetizzjonijiet tal-isparar rikonoxxuti minn organizzazzjoni uffiċjali tal-isport tal-isparar ta' dak l-Istat Membru jew minn federazzjoni tal-isport tal-isparar stabbilita internazzjonalment u rikonoxxuta uffiċjalment; u

c) ċertifikat minn organizzazzjoni tal-isport tal-isparar rikonoxxuta uffiċjalment li jikkonferma li:

a) it-tiratur fuq bersall huwa membru ta' klabb tal-isparar u, li ilu jipprattika l-isparar ta' bersall regolarment miegħu tal-inqas għal tnax-il xahar, u

b) l-arma tan-nar hija meħtieġa għal dixxiplina tal-isparar rikonoxxuta minn federazzjoni tal-isport tal-isparar stabbilita internazzjonalment u rikonoxxuta uffiċjalment.

d) Fir-rigward ta' armi tan-nar ikklassifikati fil-kategorija A6, l-Istati Membri li japplikaw sistema militari msejsa fuq lieva ġenerali u li matul dawn l-aħħar ħamsin sena kellhom fis-seħħ sistema ta' trasferiment ta' armi tan-nar lil persuni li jitilqu mill-armata wara li jaqdu d-dmirijiet militari tagħhom jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni lil dawn il-persuni, bħala dilettanti tal-isparar, biex iżommu arma waħda tan-nar użata waqt il-perijodu militari obbligatorju. Dawn l-armi tan-nar għandhom jiġu ttrasformati f'armi tan-nar semiawtomatiċi mill-awtorità pubblika li għandha tivverifika perjodikament li l-persuni li jużaw dawn l-armi tan-nar ma jirrappreżentawx riskju għas-sigurtà pubblika. Id-dispożizzjonijiet taħt a), b) u c) għandhom japplikaw.

3d. Awtorizzazzjonijiet taħt dan l-Artikolu għandhom jiġu rieżaminati perjodikament f'intervalli li ma jaqbżux il-ħames snin.

*Artikolu 6a*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ tal-akkwist u l-bejgħ tal-armi tan-nar u tal-komponenti essenzjali tagħhom u tal-munizzjon koperti mill-kategoriji A, B u C (…) stabbiliti fl-Anness I permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(**), l-identità, u fejn meħtieġ, l-awtorizzazzjoni tal-persuna li takkwista l-arma tan-nar jew il-komponenti essenzjali tagħha jew munizzjon, tiġi vverifikata qabel jew mhux aktar tard mill-kunsinna tagħhom lil dik il-persuna, permezz ta':

- negozjant jew sensar awtorizzat; jew
- awtorità pubblika jew rappreżentant tagħha.

---

(*) ĠU: Jekk jogħġbok daħħal data: data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja +20 jum.

(**) Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64 )."

(7) (...)

(7a) Fl-Artikolu 7 jiżdied is-subparagrafu li ġej mal-paragrafu 4, wara l-punt c):

"L-(…)awtorizzazzjoni għall-pussess ta' arma tan-nar għandha tiġi rieżaminata perjodikament, f'intervalli li ma jaqbżux il-ħames snin. L-awtorizzazzjoni tista' tiġġedded jew tiġi mtawla jekk jibqgħu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom tkun ingħatat l-istess awtorizzazzjoni."

(7b) Fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu 4:

"4a. L-Istati Membri jistgħu jġeddu awtorizzazzjoni għal arma tan-nar li tkun ġiet ikklassifikata fil-kategorija (…) B stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva, kif emendata mid-Direttiva 2008/51/KE[9], anki jekk l-arma tan-nar hija attwalment ikklassifikata fil-kategorija A. Madankollu, tali awtorizzazzjonijiet jistgħu jiġu mġedda biss għal persuni li diġà kellhom awtorizzazzjoni qabel id-data msemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva."

(7bb) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

"Kemm-il darba Stat Membru jipprojbixxi jew jagħmel l-akkwist u l-pussess ta' arma tan-nar ikklassifikata fil-kategoriji B jew Ċ (…), fit-territorju tiegħu soġġetta għall-awtorizzazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra, li għandhom espressament jinkludu dikjarazzjoni f'dan is-sens f'kull pass Ewropew għall-armi tan-nar li huma joħorġu għal din l-arma tan-nar, taħt l-Artikolu 12(2)."

(7c)L-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

"L-arranġamenti għall-akkwist u l-pussess ta' munizzjon u ta' apparati tal-ikkargar għandhom ikunu l-istess bħal dawk għall-pussess tal-armi tan-nar li għalihom il-munizzjon u l-apparat tal-ikkargar huma maħsuba."

(8) Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli 10a u 10b li ġejjin:

9 Direttiva 2008/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess tal-armi, ĠU 179/5, 8.7.2008.

*"Artikolu 10a*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-armi tal-allarm u tas-sinjal (…) ma jkunux jistgħu jiġu konvertiti f'armi tan-nar.

   Il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi tal-allarm u tas-sinjal (…) biex jiġi żgurat li dawn ma jkunux jistgħu jiġu konvertiti f'armi tan-nar.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13b(2).

2. Armi tas-salut u akustiċi għandhom jibqgħu fil-kategorija stabbilita fl-Anness 1, Parti II, li tikkorrispondi għall-arma tan-nar li minnhom ikunu ġew konvertiti.

3. Armi tal-allarm u tas-sinjal li ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Artikolu 10a(1) għandhom jiġu klassifikati fil-kategorija A u B tal-Anness 1, parti II, sena wara d-data ta' dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-Artikolu 10a(1).

*Artikolu 10 aa*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar is-sorveljanza xierqa ta' armi tan-nar u munizzjon u regoli dwar il-ħżin xieraq tagħhom b'mod sigur sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju li dawn jiġu aċċessati minn persuna mhux awtorizzata. L-armi tan-nar u l-munizzjon għalihom ma għandhomx ikunu faċilment aċċessibbli flimkien. Is-superviżjoni f'dan il-każ għandha tfisser li l-persuna li jkollha l-pussess tal-arma tan-nar jew il-munizzjon ikollha kontroll fuqhom waqt it-trasport u l-użu. Il-livell ta' skrutinju għall-arranġamenti ta' ħżin għandu jikkorrispondi għall-kategorija tal-arma tan-nar.

(…)

*Artikolu 10b*

L-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti biex awtorità kompetenti tivverifika d-diżattivazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-modifiki li jkunu saru fuq arma tan-nar ikunu għamluha inoperabbli b'mod irriversibbli. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, fil-kuntest ta' din il-verifika, għall-ħruġ ta' ċertifikat u rekord li jixhed li l-arma tan-nar tkun ġiet diżattivata u li saret marka viżibbli b'mod ċar fuq l-arma tan-nar li tixhed dan.

Il-Kummissjoni għandha tadotta standards u tekniki tad-diżattivazzjoni biex tiżgura li l-armi tan-nar diżattivati jkunu inoperabbli b'mod irriversibbli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13b(2)."

(9) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

*Artikolu 11*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-armi tan-nar jistgħu jiġu biss ittrasferiti minn Stat Membru għall-ieħor f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi li ġejjin. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal trasferimenti ta' armi tan-nar wara li dawn ikunu nbiegħu permezz ta' ordni bil-posta (…) jew bejgħ b'mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod, kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(10) Fl-Artikolu 13, jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:

"4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiskambjaw permezz ta' mezzi elettroniċi informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għat-trasferimenti tal-armi tan-nar fi Stat Membru ieħor, u informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet irrifjutati kif iddefiniti fl-Artikolu 7 abbażi ta' affidabbiltà relatata mas-sigurtà tal-persuna kkonċernata.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi sistema għall-iskambju ta' informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu. Din is-sistema tista' tuża modulu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('IMI') stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 speċifikament maħsub għal armi tan-nar. Il-Kummissjoni għandha tadotta u ddaħħal fis-seħħ sad-data msemmija fl-Artikolu 2, paragrafu 1 atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a tiegħu u li jikkonċernaw l-arranġamenti dettaljati għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi."

(11) L-Artikolu 13a jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 13a*

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati li tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha twassal għat-tmiem tad-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

3a. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13 jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jqajmu oġġezzjoni għalih fi żmien xahrejn minn meta dak l-att jiġi notifikat lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw għalih. Dak il-perijodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(12) Jiddaħħal l-Artikolu 13b:

*"Artikolu 13b*

1. Il-Kummissjoni tiġi megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

(*)Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)."

(13) L-Artikolu 17 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 17*

Kull ħames snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li, jekk ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti li jikkonċernaw b'mod partikolari l-kategoriji tal-armi tan-nar tal-Anness I u l-kwistjonijiet relatati mat-teknoloġiji l-ġodda bħall-istampar 3D, l-użu ta' kodiċi QR u l-użu ta' Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID). L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."

Sa [data] il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-elementi neċessarji ta' sistema għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri li tinsab fl-arkivji kompjuterizzati tar-rekords imsemmija fl-Artikolu 4(4). Jekk ikun xieraq, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi akkumpanjata bi proposta leġislattiva li tqis l-istrumenti eżistenti relatati mal-iskambju ta' informazzjoni."

(14) (...) L-Anness I għad-Direttiva 91/477/KE (…) hu emendat kif ġej:

(a) il-parti II tinbidel b'dan li ġej:

"Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-kategoriji li ġejjin ta' armi tan-nar huma stabbiliti:

(i) il-punt A u d-definizzjoni ta' armi tan-nar huma mħassra.

(ii) Fil-Kategorija A, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"6. Armi tan-nar awtomatiċi li ġew ikkonvertiti f'armi tan-nar semiawtomatiċi.

7. Kwalunkwe minn dawn l-armi tan-nar semiawtomatiċi centre fire li ġejjin:

a) armi tan-nar qosra li jippermettu l-isparar ta' aktar minn 21 ċiklu mingħajr ikkargar mill-ġdid, jekk apparat tal-ikkargar b'kapaċità li taqbeż 20 ċiklu huwa parti mill-arma tan-nar jew jiddaħħal fiha; u

b) armi tan-nar twal li jippermettu l-isparar ta' aktar minn 11-il ċiklu mingħajr ikkargar mill-ġdid, jekk apparat tal-ikkargar b'kapaċità li jaqbeż għaxar ċikli huwa parti mill-arma tan-nar jew jiddaħħal fiha.

8. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi (jiġifieri armi tan-nar li huma oriġinarjament maħsuba biex jiġu sparati minn fuq l-ispalla) li jistgħu jitnaqqsu għal tul ta' inqas minn 60cm mingħajr ma jitilfu l-funzjonalità permezz ta' ċipp li tintlewa jew li tingħalaq jew permezz ta' ċipp li tista' titneħħa mingħajr l-użu ta' għodda.

9. Apparati tal-ikkargar, addattat biex jitwaħħlu ma' armi tan-nar semiawtomatiċi centre fire jew li jirrepetu, bil-karatteristiċi li ġejjin:

a) apparati tal-ikkargar li jistgħu jieħdu aktar minn 20 ċiklu;

b) apparati tal-ikkargar għal armi tan-nar twal li jistgħu jieħdu aktar minn 10 ċiklu.

Kategorija B - armi tan-nar soġġetti għall-awtorizzazzjoni

1. (…) Armi tan-nar qosra li jirrepetu.

2. Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'centre-fire percussion.

3. Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'rimfire percussion li t-tul kollu tagħhom huwa inqas minn 28cm.

4. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber jistgħu jżommu iktar minn tliet ċikli fil-każ ta' tiri fil-każ ta' armi tan-nar b'rimfire u iktar minn tliet iżda inqas minn [tnax-il] ċiklu fil-każ ta' armi tan-nar centrefire.

4a. Armi tan-nar qosra semiawtomatiċi minbarra dawk elenkati taħt il-punt 7 a) tal-kategorija A.

5. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħhom flimkien ma jistgħux jieħdu aktar minn tliet ċikli, fejn l-apparat tal-ikkargar jista' jitneħħa jew fejn mhux żgur li l-arma ma tistax tinbidel, b' għodda normali, f'arma tan-nar li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħha flimkien jistgħu jieħdu aktar minn tliet ċikli elenkata taħt il-punt 7 b) tal-kategorija A.

6. Armi tan-nar twal li jirrepetu u semiawtomatiċi b' kanen lixxi li ma jaqbżux is-60 cm tul.

7. Armi tan-nar semiawtomatiċi għall-użu ċivili li jixbħu lill-armi b'mekkaniżmi awtomatiċi barra dawk elenkati taħt il-punt 6, 7 jew 8 tal-kategorija A.

Kategorija C — Armi tan-nar u armi soġġetti għal dikjarazzjoni

1. Armi tan-nar twal li jirrepetu barra dawk elenkati fil-kategorija B, punt 6.

2. Armi tan-nar twal b'kanen li jisparaw tir wieħed.

3. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi barra dawk elenkati fil-kategorija A jew B.

4. Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'rimfire percussion li t-tul kollu tagħhom mhux inqas minn 28 cm.

5. Armi tal-allarm u tas-sinjal li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Artikolu 10a(1).

Armi tas-salut u akustiċi għandhom jibqgħu fil-kategorija stabbilita fl-Anness 1, Parti II, li tikkorrispondi għall-arma tan-nar li minnhom ikunu ġew konvertiti.

6. Armi tan-nar mill-kategoriji A, B u C li ġew diżattivati f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/2403 dwar id-diżattivazzjoni.

7. Armi tan-nar twal b'tir wieħed u kanen lixxi mqiegħda fis-suq wara d-data sa meta l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva milli dawk fl-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 4b.

(…)

(b) (…) punt B u (…) t-test tiegħu huma mħassra.

(…)."

(15) fl-Anness I tad-Direttiva 91/477/KE, il-parti III hija emendata kif ġej:

(a) jitħassar il-punt (a);

(b) il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"huma ddisinjati biss għas-salvataġġ, għall-qtil tal-annimali jew għas-sajd bil-ħarpun jew għal finijiet industrijali jew tekniċi sakemm jistgħu jintużaw b'mod xieraq biss għall-fini ddikjarata;"

(c) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:
"huma meqjusa bħala armi antiki meta dawn ma jaqgħux taħt il-kategoriji preċedenti u huma soġġetti għal-liġijiet nazzjonali."

(d) it-tieni subparagrafu jitħassar -

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva [18-il xahar wara l-pubblikazzjoni fil-ĠU]. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Permezz ta' deroga, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva 36 xahar wara l-pubblikazzjoni fil-ĠU fir-rigward tal-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 4b ta' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafi 1 u 2, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, sa [skadenza tat-traspożizzjoni + 18-il xahar] jissospendu l-projbizzjoni ta' pussess ta' apparati tal-ikkargar elenkati taħt il-Kategorija A 9 fl-Anness I għal din id-Direttiva li nkisbu legalment qabel [id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx jippermettu l-użu ta' tali apparati tal-ikkargar wara [skadenza tat-traspożizzjoni].

5. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, b’rabta ma’ armi tan-nar akkwistati qabel [id-data msemmija fl-Artikolu 2(1)] jissospendu r-rekwiżit li jiġu ddikjarati l-armi tan-nar elenkati fil-kategoriji C.5 u C.6 u C.7 tal-Anness I ta’ din id-Direttiva sa [id-data ta’ għeluq għat-traspożizzjoni + 36 xahar].

6 . L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |